MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 65

It-Tnejn, 17 ta' Gunju, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Il-Vici-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

# 65.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

65.1.1 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Gunju 2019, is-Sa. Michaela Maria Chircop talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha mis-seduta. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Grech kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

65.1.2 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Gunju 2019, il-Kunsillier Johann Borg talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsillier Borg kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

# 65.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

65.2.1 Il-Vici-Sindku ressaq il-minuti tal-erbgha u sittin (64) laqgħa tal-Kunsill li ġew ċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

65.2.2 Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhal dokument korrett

# 65.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

65.3.1 Ma kienx hemm

# 65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

65.4.1 Il-Vici-Sindku staqsa fiex kien wasal il-process ghal ingagg ta' Segretarju Ezekuttiv. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kandidat maghzul kien baghat ittra li permezz taghha kien irrinunzja ghall-impjieg minhabba ragunijiet ta' sahha. Il-kandidat li gie ikklassifika fit-tieni post kien sab impjieg alternattiv, filwaqt li z-zewg kandidati l-ohra li kienu attendew ghal interview ma kienux qabzu l-passmark li kien stabilixxa l-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu, illi b'effett immedjat il-Kunsill Lokali kellu johrog sejha mill-gdid. Legislatura gdida kellha tahtar bord gdid li kellu jaghmel intervisti.§

*F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sindku Joseph Cutajar ( 17:05).*

# 65.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

65.5.1 Is-Sindku Joseph Cutajar ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 06/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

65.5.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Joseph Baldacchino u ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

65.5.3 Is-Sindku Joseph Cutajar ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Mejju 2019 bir-riferenza 5/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

65.5.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Baldacchino u ssekondata mis-Sur Alex Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 65.6 Offerti Pubbliċi u kuntratti;

65.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni kien evalwa l-offerti relatati maż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill ma kellux jaggudika s-sejha ghall-offerti. Minflok u sakemm jigi deciz mod iehor kellhom jintuzaw ir-rizorsi umani li kien jiddisponi minnhom il-Kunsill Lokali sabiex jinfethu l-latrini pubblici

65.6.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni ta' soft areas.

65.6.3 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

65.6.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata ma' tisbih fi Gnien il-Kunsill.

65.6.5 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

## 65.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.7.1 Il-laqgħa intemmet fit-5.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta , 17 ta' Gunju 2019 fl-5:30p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Gunju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ___________________ |
| Joseph Cutajar | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |